## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 489/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Publius Said**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Publius Said detentur tal-karta tal-identita Maltija 279449 (M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-granet bejn is-27 ta' Frar 2016 u t-28 ta' April 2016 gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ghamel uzu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (messenger);

2. U aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Wilhemina Schembri, Samuel Mark Schembri u Svetlana Schembri;
3. U aktar talli kien jaf jew messu kien jaf li kien ta' fastidju ghall-istess Wilhemina Schembri, Samuel Mark Schembri u Svetlana Schembri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Novembru 2017 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha fir-rigward biss tal-messaggi mibghuta lil Svetlana Schembri u Wilhelmina Schembri izda mhux fil-konfront ta' Samuel Mark Schembri stante li l-messaggi mibghuta lilu ma ntbaghtux entro d-dati indikati fic-citazzjoni, u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Inoltre kkundannatu ghal-multa ta' mitt ewro (€100.00). Kif ukoll sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-paci ma' Wilhelmina Schembri, Svetlana Schembri u l-familjari taghhom, rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt Ewro (€500.00) ghal zmien sena mis-sentenza fit-termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali skond il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet anness mas-sentenza li jifformaw parti integrali minnha;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Publius Said pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2017 li bih talab lil din il-Qorti **thassar** u tirrevoka is-sentenza appellata "*fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fir-rigward biss tal-messaggi mibghuta lil Svetlana Schembri u Wilhelmina Schembri, u dan billi tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement* ***tilliberah*** minnhom. *Izjed minnhekk l-*

*Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija mitluba ukoll sabiex* ***tikkonferma*** *l-liberazzjoni tal-imputazzjonjiet kollha fil-konfront ta' Samuel Mark Schembri*";

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati, u mhux kif esposti mill-appellant ghaliex kif minnu rakkontanti jinkludu fatti estraneji ghal kaz, huma dwar kuntatt li l-imputat ghamel tramite *platform* ta' media socjali ma' certu Wilhelmina Schembri u uliedha sabiex jikkonvincihom jiltaqghu mieghu u jottjeni informazzjoni minghandhom dwar stqarrija ta' Wilhelmina Schembri esebita f'kawza separata li tinvolvi lil mart l-imputat. L-kwerelanti kienu rrifjutaw l-inkontru u jinghad li kemm il-darba qalulu sabiex jiddezisti milli jibqa' jaghmel kuntatt maghhom izda baqa' ghaddej sal-punt fejn kellhom jirrikorru ghall-procedura odjerna;

2. Illi qabel kull kunsiderazzjoni ohra, l-Qorti tinnota illi stante li l-appellant qed jitlob it-thassir ta' parti mis-sentenza kellu allura jitlob it-tibdil taghha u mhux it-thassir. L-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi r-rikors tal-appell ghandu jkun fih, *inter*

*alia*, "it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri". Ghalhekk la darba l-imputat ried li din il-Qorti thassar biss parti mis-sentenza u ma kienx qed jappella f'dik il-parti liberatorja kellu jitlob ghat-tibdil taghha u mhux ghat-tahsir. Maghmula din l-osservazzjoni, izda, l-appell odjern hu salvat bis-sahha tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali kif emendat bl-Att I tal-2018 li issa jaghmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 fejn allura it-talba ghat-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza. Issa, ghalkemm tali inkluzjoni ghandha tkun soggetta ghal-talba u digriet appozitu, din il-Qorti tqis dan bhala formalita' u ghalhekk qed tqis it-talba ghat-thassir bhala wahda ghat-tibdil tas-sentenza;

3. Illi ukoll b'mod preliminari jehtieg li jkun stradat l-ewwel ilment tal-appellant maghmul fis-sottomissjonijiet verbali tieghu izda mhux inkluz fl-aggravji fir-rikors tal-appell fejn allura jilmenta li ma kienx assistit minn avukat fil-kors tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Dan l-ilment, izda, hu rinfaccjat b'zewg ostakoli. Fl-ewwel lok ma hemm ebda aggravju in tema fir-rikors tal-appell b'dan illi b'hekk jikkonfigura bhala aggravju addizjonali li ma hux permess hlief b'mod eccezzjonali b'awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fit-tieni lok, mill-atti processwali, senjatament mill-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2017, l-imputat stess deher mhux assistit u ddikjara li m'ghandux bzonn l-assistenza ta' avukat. Minn hemm 'l quddiem l-imputat ikkonduca d-difiza tieghu nniffsu u ghalhekk l-ilment minnu ntentat, oltre li ma jistghax ikun mqanqal f'dan l-istadju, huwa wiehed frivolu;

4. Illi ventilat dan, fl-ewwel aggravju tieghu dwar l-ewwel imputazzjoni, l-appellant jallega apprezzament zbaljat tal-provi mressqa. Dan l-aggravju, izda, hu destinat li jfalli minnufih ghaliex ir-ragunijiet vantati la huma parti mill-atti u ma huma ta' ebda soljev ghar-raguni ghaliex l-imputat ippersista fl-insistenza tieghu li jaghmel kuntatt mal-kwerelanti permezz ta' sistema ta' komunikazzjoni eletronika. F'dan l-istadju tajjeb li jkun mfakkar illi dak li hu taht skrutinju f'dan l-istadju revizorju huwa s-sentenza tal-ewwel Qorti u mhux l-imputat. Dak li din il-Qorti trid tiddeciedi ma huwiex il-kaz mil-gdid jew kif kienet tiddeciedi hi minflok l-ewwel Qorti izda jekk dik tal-ewwel grad setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni b'dawk il-fatti migjuba quddiemha. Dak li l-imputat, ossia l-avukat difensur tieghu, issa qed jittanta jaghmel hu li jintroduci fatti godda biex jiskolpa ruhu b'dan illi dawk il-fatti xorta wahda ma ghandhomx relevanza fir-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz;

5. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant iressaq bhala motivazzjoni ghall-azzjoni tieghu, 'l hinn minn jekk din hiex wahda kriminuza jew le, ghaliex ghamel kuntatt mal-kwerelanti. Huwa jghid li hu u martu kienu vittmi fil-kaz tal-procedimenti kriminali li ttiehdu kontra ix-xufier Massimo Bonello. Illi fil-fatt kien hemm xhud ohra [sic] f'dan il-procediment imsemmi li instabet hatja ta' xiehda falza u anke l-istess xufier instab hati ta' akkuzi simili u l-kaz qieghed fl-appell. Fl-ewwel lok dan kollu huwa estraneju ghal-dan l-appell ghaliex ma johrogx mill-provi akkwiziti ghajr mis-sottomissjonijiet verbali tal-imputat quddiem l-ewwel Qorti. Fit-tieni lok, l-appellant qed joffri raguni ghaliex kien qieghed persistentement javvicina lill-kwerelanti u din l-istess raguni ma hi xejn ghajr ammissjoni tal-fatt imputat ghaliex

kif ser jirrizulta aktar 'l quddiem, l-kwerelanti talbuh kemm il-darba sabiex ma jibqax jippersisti fil-messaggi tieghu fuq il-midja socjali. L-ewwel imputazzjoni hija differenti u indipendenti mit-tieni u t-tielet wahda ghaliex fl-ewwel wahda hemm l-allegat uzu hazin ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika u fil-kumplament hemm allegat fastidju permezz ta' l-istess mezzi;

6. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda apprezzament zbaljat tal-provi meta strahet fuq il-prova tal-messaggi debitament stampati b'talbiet kontinwi da parti tal-imputat sabiex jiltaqa' maghhom u bir-rifjut kategoriku da parti tal-kwerelanti u b'wahda mill-kwerelanti a dirittura tghalaq il-Facebook Page taghha. Issa jekk dan jammontax ghal fastidju jew le huwa soggett tal-kunsiderazzjonijiet li ghad iridu jsegwu izda ghal-fini tal-apprezzament, l-appellant qed jikkonfondi r-raguni ghaliex ghamel kuntatt mal-fatt li kien mitlub jieqaf milli jaghmel hekk. Ghal-dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun michud;

7. Illi fit-tieni gravam tieghu l-appellant jallega interpretazzjoni zbaljata tal-ligi li wasslet ghal-sentenza erronja tal-ewwel Qorti u iressaq l-argument illi ma kellux il-*mens rea* mehtiega sabiex javvera ruhu dan ir-reat ghaliex dak li ghamel ghamlu ghal kxif tal-verita' u in sostenn ta' dan iccita s-subartikolu (3)(a) tal-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li persuna akkuzata b'dan ir-reat tista ggib prova li l-imgieba taghha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt. Il-Qorti ezaminat it-traskrizzjoni sia tad-deposizzjoni tal-imputat kif ukoll tas-sottomissjonijiet orali tieghu u ma tirrizultax fi kliem car li kien qed jivvanta ruhu minn din id-difiza. Jirrizulta proprju li l-imputat kien qed iqis lill-kwerelanta Wilhemina Schembri bhala

persuna giddieba u ried jikkonfrontaha fuq hekk l-ewwel b'talbiet biex jiltaqa' maghha u sussegwentement b'talbiet tramite bintha. Jghid hu stess testwalment: "*imbaghad jien maridtx nghidilha fuq il-Facebook fuq il-Messenger fuq x'hiex irrid inkellimha*" (deposizzjoni fol 123). "*Is-sinjura qieghed nghajtilha lit-tifla taghha indirettament, indirettament iva bdejt nghidilha "ommok giddieba" imma mhux giddieba qabel ma nispjegalha ghaliex*" (sottomissjoni fol 148). Minkejja dan, l-ewwel Qorti ezaminat l-elementi tar-reat fl-isfond tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Gunju, 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez u kkunsidrat ukoll illi "*ghalkemm l-imputat seta' kellu ghaliex jahseb illi kien hemm xi tahwid fix-xhieda moghtija minn Wilhelmina Schembri, u li sahansitra dan seta' rrekalu pregudizzju pekunjarju, bl-agir tieghu huwa dejjaq lill-Wilhemina Schembri u lil Svetlana Schembri tant li anke wara li din tal-ahhar infurmatu biex ma jibqax jikkuntatjaha ppersista fl-agir tieghu*";

8. Illi kwantu d-difiza ipotizzata fis-subartikolu (3)(a) tal-artikolu 251A, irid jinghad illi huwa palezi li dan l-artikolu hu mehud mil-ligi Ingliza **Protection from Harassment Act 1997** inkluz dik l-parti invokata mill-appellant fejn fit-test tal-ligi Ingliza hemm provdut hekk: " (3) It is a defence for a person charged with an offence under this section to show that – (a) his course of conduct was pursued for the purpose of preventing or detecting crime". Fit-test tal-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, is-subartikolu (3) jipprovdi li: " Persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li : (a) l-imgieba taghha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt". Jidher li hemm differenza fil-ghan li persuna tressaq tali provi ghaliex filwaqt li fil-ligi Ingliza din

tammonta ghal difiza, fil-ligi Maltija mhux daqstant car jekk il-prova tammontax ghal difiza jew ghal ghan ta' mitigazzjoni fil-piena. Hu x'inhu il-kaz, izda, huwa inkonfutabbli illi l-imputat imbarka fuq dan il-*course of conduct* kontra persuna li kienet xhud fil-kawza li fiha kellu interess. Certament li l-ligi ma tistax tkun interpretata bil-mod kif qed jissugerixxi l-imputat, jigifieri, li ghaliex jemmen li l-kwerelanta gidbet fil-kawza allura ma japplikawx fil-konfront tieghu l-provvediment tal-ligi dwar il-fastidju. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti fid-decizzjoni taghha li tiskarta dik id-difiza;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.